TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/209/14/S

Anthony Bugeja
Vs
Vella Falzon Building Supplies Limited

Illum 19 ta'Frar,2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Anthony Bugejaipprezentata fit-3 t'Ottubru,2014 u r-risposta tas-socjeta Vella Falzon Building Supplies Limited ipprezentata fid-9 t'Ottubru,2014;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u r-rapprezentanti taghhom u t-trattazzjoni taghhom maghmula fis-seduta tal-11 ta'Dicembru,2014;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar allegat sadid jew tbajja' li hargu fuq il-'fittings' u dan wara ftit xhur minn mindu nxtraw. Min-naha taghha s-socjeta intimata kkontestat it-talbiet tar-rikorrenti minhabba allegat nuqqas ta' manutenzjoni daparti tar-rikorrenti filwaqt li dak li gie deskritt bhala sadid mir-rikorrenti, ma kienx hekk skont is-socjeta intimata izda residwu tal-ilma u sapun;

Illi fl-ewwel lok mix-xhieda ta' Roxanne Farrugia stess li tahdem bhala 'sales representative' mas-socjeta intimata, jirrizulta li l-ewwel ilment sar f'inqas minn xaghrejn mill-kunsinna tal-oggetti[1];

Illi ghalhekk mhux qed jigi accettat dak sottomess mis-socjeta intimata li ghadda perjodu itwal sakemm sar l-ilment;

Illi mhuwiex accettabbli li oggetti bhal dawk mixtrija mir-rikorrenti jigrilhom dak li jidher fir-ritratti pprezentati;

Illi ghalkemm inghad mir-rapprezentanti tas-socjeta intimata li kienet spjegat il-bzonn ta' manutenzjoni, hu necessarju li haga daqshekk importanti, ssir bil-miktub a skans ta' ekwivoci;

Illi kwalsiasi struzzjoni specifika u partikolari ghandha tinghata mill-bejjieh lil konsumatur bil-miktub mal-bejgh biex il-konsumatur ikun f'pozizzjoni li jmantni l-oggett kif suppost u kif suggerit mill-istess bejjieh;

Illi b'hekk tkun imbaghad responsabilita u obbligu tal-konsumatur li jsegwi l-istruzzjonijiet moghtija;

Illi fic-cirkostanzi, it-talbiet tar-rikorrenti gew pruvati skont il-ligi ghax wiehed ma jistenniex rizultat bhal dak li jidher fir-ritratti pprezentati wara biss ftit xhur mill-kunsinna tal-oggetti;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-

---

[1] Xhieda moghtija fis-seduta tal-11 ta'Dicembru,2014.

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

talba ta' Anthony Bugeja filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta Vella Falzon Building Supplies Limited b'dan li Jordna lis-socjeta Vella Falzon Building Supplies Limited tibdel il-partijiet imcappsa u imtebba' li jidhru fir-ritratti pprezentati u dan kollu a spejjez tal-istess socjeta intimata sa xahar mill-llum u b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru